Nru. 675

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri, 39, Misraħ il-Vitorja, ix-Xagħra, Għawdex, (ara l-pjanta mehmuża) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

No. 675

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely, 39, Victory Square, Xagħra, Gozo, (see attached site plan) could be of architectural value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) Il-bini bin-numru 39, Misraħ il-Vitorja, ix-Xagħra, għandu jitqies bħala proprjetà ta' Grad 2 skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

(ii) Sid il-bini għandu jżommu fi stat tajjeb ta' tiswija.

(iii) Kull intervent fil-proprjetà ta' hawn fuq għandu jkun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Il-21 ta' Ottubru, 1994

(i) The premises at 39, Victory Square, Xagħra, is to be considered a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7.

(ii) The premises must be kept in a good state of repair by the owner.

(iii) Any interventions on the above property must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

21st October, 1994

